# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Settembru 2016**

**Numru 2**
**Rikors numru 1326/10 JA**

**Arcidiacono Ltd u Boris Arcidiacono Ltd**

**v.**

**Kunsill Lokali Msida, Korporazzjoni Enemalta u**
**Nexos Street Lightning Ltd**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell ad istanza tal-atturi Arcidiacono Ltd u Boris Arcidiacono Ltd mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Lulju 2015, li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata fejn ċaħdet it-talbiet tagħhom u laqgħet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti bl-ispejjeż kontra

s-soċjetà attriċi u konsegwentement tilqa' t-talbiet kollha kontenuti fir-rikors ġuramentat tagħhom bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk ta' din l-istanza, kontra l-konvenuti.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

> "Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-22 ta' Diċembru 2010 li permezz tiegħu s-socjetajiet attriċi ppremettew:
>
> 1. "Illi l-kumpaniji esponenti huma proprjetarji u jinstabu fil-pussess tax-"showroom" bl-isem "Boris Arcidiacono" illi tinstab f'Rue D'Argens, Msida;
>
> 2. "Illi nhar l-Erbgħa 10 ta' Novembru, 2010 il-konvenuti Kunsill Lokali, Msida u l-Korporazzjoni Enemalta, jew min minnhom, tramite s-servizzi tal-kumpanija konvenuta Nexos Street Lighting Limited għamlu xogħlijiet fuq il-faċċata ta' l-imsemmija "showroom" bl-isem "Boris Arcidiacono" illi tinstab f'Rue D'Argens, Msida liema xogħlijiet jikkonsistu fit-twahhil ta' lampa ma' l-imsemmija faċċata u fil-mgħodija ta' "wires" ta' l-elettriku tul l-istess faċċata;
>
> 3. "Illi dawn ix-xogħlijiet saru eżattament wara illi l-kumpaniji esponenti lestew xogħlijiet ta' rinnovazzjoni fuq l-istess faċċata bi spejiez kunsiderevoli;
>
> 4. "Illi x-xogħlijiet in kwistjoni mhux biss ġew ordnati u saru mingħajr konsultazzjoni u kunsens tal-kumpaniji esponenti iżda saru kontra l-volonta u minkejja l-protesti ta' l-istess sabiex dawn ix-xogħlilijiet ma jsirux u għalhekk tali xogħlijiet saru b'mod vjolenti, abbuziv u illegali;
>
> 5. "Illi tali xogħlijiet saru bi ksur tal-jeddijiet tal-kumpaniji esponenti in kwantu l-konvenuti jew min minnhom naqqsu u nehhew il-pussess illi kienu jgawdu l-kumpaniji esponenti u għalhekk ikkommettew spoll vjolenti għas-skapitu tal-kumpaniji esponenti;

6. “Illi minkejja illi l-konvenuti ġew interpellati permezz ta’ protest ġudizzjarju ippreżentat fir-registru ta’ dina l-Onorabbli Qorti nhar il-11 ta’ Novembru, 2010 sabiex jirreintegraw lill-kumpaniji esponenti fil-pussess u dana billi jerggħu jqegħdu kollox fl-istat ta’ qabel il-kumpaniji esponenti ma batew l-ispoll u dana billi jagħmlu u jezegwixxu l-azzjonijiet u x-xogħlijiet kollha necessarji sabiex jitnehhew il-lampa u l-*‘wires’* ta’ l-elettriku mqiegħda u mgħoddija mal-faċċata imsemmija, il-konvenuti mhux biss baqgħu inadempjenti iżda saħansitra lanqas wiegbu għal tali interpellazzjoni;

7. “Illi għalhekk kellha ssir din il-kawza;

8. “Illi dawn il-fatti l-esponenti jafhom personalment;

“Għaldaqstant jgħidu l-konvenuti, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-ragunijiet premessi, għaliex m’għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. “Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti jew min minnhom spussessaw u spoljaw b’mod vjolenti lill-kumpaniji esponenti mill-pussess illi huma kienu jgawdu u dana senjatament meta l-konvenuti jew min minnhom għamlu xogħlijiet fuq il-faċċata ta’ l-imsemmija “showroom” bl-isem “Boris Arcidiacono” illi tinstab f’Rue D’Argens, Msida liema xogħlijiet jikkonsistu fit-twahhil ta’ lampa ma’ l-imsemmija faċċata u fil-mgħodija ta’ “wires” ta’ l-elettriku tul l-istess faċċata;

2. “Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex fi zmien qasir u perentorju illi jiġi lilhom prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti jirrintegraw lill-kumpaniji esponenti fil-pussess u dana billi jerġgħu jqegħdu kollox fl-istat ta’ qabel il-kumpaniji esponenti ma batew l-ispoll u dana billi jgħamlu u jeżegwixxu l-azzjonijiet u x-xogħlijiet kollha neċessarji illi jiġu lilhom ordnati minn dina l-Onorabbli Qorti, senjatament iżda mhux limitatament billi jnehhu l-lampa u l-*‘wires’* tal-elettriku mqiegħda mal-faċċata imsemmija;

3. “Fin-nuqqas ta’ adempiment min-naha tal-konvenuti jew min minnhom, tawtoriżża lill-kumpaniji esponenti sabiex jieħdu dawk il-miżuri kollha u / jew jeżegwixxu dawk ix-xogħlijiet kollha neċessarji sabiex jieħdu lura l-pussess effettiv tal-proprjeta’ kollha tagħhom, inkluza l-faċċata, jekk ikun hemm bzonn taht is-sorveljanza ta’ perit nominat minn dina l-Onorabbli Qorti, kollox a spejjeż tal-konvenuti jew min minnhom, u skond kull direzzjoni jew ordni illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha illi jkun necessarju jew opportun skond ic-cirkostanzi tal-kaz;

"Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-protest ġudizzjarju ppreżentat nhar il-11 ta' Novembru, 2010, kontra l-konvenuti jew min minnhom, li huma minn issa stess inġunti in subizzjoni.

"B'riżerva għal kull azzjoni spettanti lill-kumpaniji esponenti skond il-liġi, senjatament l-azzjoni għad-danni.

"Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

"Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-Korporazzjoni Enemalta fis-26 ta' Jannar 2011 fejn eċċepew:

"Illi t-talbiet attriċi huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż *stante* illi:

1. "Preliminarjament il-Korporazzjoni Enemalta mhijiex il-leġittima kontradittriċi f'din il-kawza *stante* illi l-Korporazzjoni ntimata ma kinitx responsabbli għat-twaħħil tal-lampa li fuqu hija bbażata din il-kawża, għad li l-fili elettriċi huma tal-korporazzjoni, tant li fil-fatt ix-xogħlijiet saru mill-kuntrattur tal-kunsill lokali ntimat u barra minn hekk *stante* illi l-Korporazzjoni Enemalta mhijiex responsabbli tal-lampa in kwistjoni illi jaqa' taħt ir-responsabbilta' tal-kunsill lokali intimat;

2. "Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost il-premessi tas-soċjetajiet rikorrenti xejn ma huma preċiżi *stante* illi t-tagħmir in kwistjoni kien ilu żmien twil hemmhekk, tneżża proviżorjament sabiex is-soċjetajiet rikorrenti setgħu jagħmlu xi xogħlijiet tagħhom u reġgħu tpoġġew meta dawn ix-xogħlijiet twettqu;

"Għaldaqstant, in vista tas-suespost, il-Korporazzjoni esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet rikorrenti bl-ispejjeż;

"Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-Korporazzjoni konvenuta u l-lista tax-xhieda.

"Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-Kunsill Lokali Msida fid-9 ta' Frar 2011 fejn eċċepew:

1. "Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fi dritt u dan kif ser jirriżulta mit-trattazzjoni tal-kawża.

2. “Illi l-esponenti ma kkommettew ebda spoll vjolenti u abbużiv kontra l-volonta’ tas-soċjetajiet attriċi peress illi l-Kunsill Lokali ma wettaq l-ebda att abitrarju iżda sempliċiment reġa’ rrepristina l-qagħda kif hekk kienet għal snin twal qabel ma l-istess soċjetajiet attriċi jew tat-terzi mqabbdin minnhom qabdu u neħħew il-bozza u kull linja ta’ elettriku li kien hemm mal-faċċata tax-showroom.

3. “Fit-tieni lok dak li għamlu l-eċċipjenti sar di diritto skond il-poter lilhom konferit mill-Liġi biex jerġgħu jqegħdu kollox fi stat *ante quo* ir-rimozzjoni tal-istess bozza u l-linji tal-eletriku dan *parte* tas-soċjetajiet attriċi jew tal-persuni nkarigati minnhom, u dan peress illi kien diġa’ jeżisti servitu legali għall-utilita’ pubblika għal snin twal.

4. “Illi bla preġudizzju għal premess, f’kull każ l-esponenti jinvokaw il-prinċipju *‘vim vi repellere licet’*.

“Salvi eċċezzjonijiet oħra.

“Bl-ispejjeż kontra is-soċjetajiet attriċi nġunti minn issa in subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut Kunsill Lokali Msida u l-lista tax-xhieda.

“Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mis-soċjeta’ Nexos Street Lighting Limited fit-23 ta’ Marzu 2011 fejn eċċepew:

1. “Illi fl-ewwel lok, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-elementi neċessarji u stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, sabiex tirnexxi l-*actio spolii* ma jissussistux fil-każ odjern u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

2. “Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fit-tieni lok, is-socjeta’ konvenuta ma kkommettiet l-ebda spoll kontra l-atturi;

3. “Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fit-tielet lok u fi kwalunkwe każ, is-soċjeta’ konvenuta aġixxiet fuq inkarigu mogħti lilha *qua* kuntrattur fix-xogħol tad-dawl fit-toroq, mill-Kunsill Lokali Msida u dan skond id-delega mogħtija lill-istess kunsill permezz tal-Avviż Legali 114 tal-2002 (Leġislazzjoni Sussidjarja 363.91) fir-rigward tal-manutenzjoni tal-istallazzjonijiet tat-tidwil kollu fit-toroq fil-lokal;

4. “Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-lampa mertu tal-kawża fl-ismijiet premessi, tikkostitwixxi ‘lampa pubblika’ kif definita fl-Artikolu 40 tal-Att dwar l-Enemalta (Kap 272 tal-Liġijiet ta’ Malta) u s-

soċjeta' konvenuta tissottometti illi fir-rigward ta' din l-imsemmija lampa pubblika teżisti servitu legali għall-utilita' pubblika, liema servitu ilha teżisti għal snin twal;

5. "Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż, is-soċjeta' konvenuta m'għandhiex tbati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u dana *stante* illi *se mai*, r-responsabbilita' tal-azzjoni mertu ta' dan il-każ għandha tinġarr mill-Kunsill Lokali Msida;

6. "Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

"Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-socjeta' konvenuta u l-lista tax-xhieda.

"Rat l-affidavits;

"Semgħet il-provi;

"Rat l-atti proċesswali u l-verbal tas-seduta tal-31 ta' Mejju 2013 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-Avukati rispettivi għamlu d-debita trattazzjoni tagħhom;

"Ikkunsidrat:

"Illi kif jidher ċar mir-rikors promotur din hija kawża ta' spoll. Il-kumpanija attriċi qed issostni illi l-konvenuti kkomettew dan l-ispoll meta għamlu lampa fuq il-faċċata tal-istabbiliment proprjeta' tagħhom. Kif hu magħruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta' spoll tirnexxi, u ċjoe':

1. "il-pussess – ***possedisse;***

2. "li l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-moħbi jew kontra l-volonta tal-attur – ***spoliatum fuisse;*** u

3. "li l-azzjoni ssir fi żmien xahrejn minn meta jkun seħħ l-ispoll – ***infra bimestre deduxisse***.

"Illi l-konvenuti qed jikkontestaw li s-soċjeta' attriċi ġiet spussessata għar-raġunijiet imsemmija aktar qabel fir-risposti ġuramentati rispettivi tagħhom.

"Illi fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Mejju 1956 fl-ismijiet **"Vincenzina Cassar et vs Annetto Xuereb Montebello"** ingħad illi:

> "*Il-ġurisprudenza tat-Tribunali tagħna dejjem kienet kostanti fl-interpretazzjoni ta' dawn il-liġijiet, fis-sens li l-azzjoni ta' spoll hija 'di ordine pubblico', unikament u esklussivament intiża biex timpedixxi li wieħed jagħmel ġustizzja b'idejh mingħajr l-intervent tat-tribunal ċivili u tipprevjeni l-konsegwenzi deplorevoli ta' aġir simili. Għalhekk il-liġi tivvjeta l-allegazzjoni ta' kwalsiasi eċċezzjoni li ma tkunx dilatorja kontra r-reintegrazzjoni u tiċċirkoskrivi l-eżami tal-Qorti għall-fatt biss tal-pussess u tal-ispoll denunzjat. Ir-reintegrazzjoni għandha dejjem tiġi ordnata mill-Qorti, kwantunkwe l-pussess jista' jkun vizzjat, u min jikkommetti l-ispoll ikun il-veru proprjetarju tal-ħaġa li minnha l-possessur tagħha jkun ġie spoljat.*"

"Illi f'din is-sentenza l-Qorti ċċitat sentenza riportata fil-**Volum XXXIII-ii-83** illi rriteniet *"he la reintegrazione dovra' essere dalla Corte ordinate, comunque viziato possa essere il possesso dell' attore, comunque il citato possa essere il vero propietario della cosa di cui l' attore avesse sofferto lo spoglio; sicche' l' indagine intormo alla legittimita' del possesso, da farsi in altra sede, tornerebbe oziosa in questo giudizio."*

"Illi fis-sentenza **"Delia vs Schembri"** (Prim' Awla – 4 ta' Frar 1958) ġie ritenut illi:

> "*L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipproteġi l-pussess, ikun x'ikun ... li jiġi vjolentement jew okkultament meħud mingħand il-possessur jew detentur, u ġie deċiż kemm-il darba li tapplika wkoll għat-tutela tal-kważi pussess tad-drittijiet legali, u hija inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata ... jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li għalkemm jista' jkollu dritt għalih ma jistax jeżerċitah mingħajr intervent tal-Qorti.*"

"Illi fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolent huwa *"qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato"*. (Vol III Sez. 52).

"Illi kif ukoll intqal fil-kawża **"Margħerita Fenech vs Pawla Zammit"** deċiża fit-12 ta' April 1958:

> "*L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut ta' ġustizzja hija eminentement intiża l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jiġi impedut liċ-ċittadin privat li jieħu l-liġi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat.*"

"Illi wiehed ukoll isib dikjarat illi:

> "*Kif kellha okkażjoni tesprimi ruħha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indaġini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruża u skarna u ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra, u kompliet tgħid illi għalhekk indaġinijiet ibbażati fuq x'jgħidu u ma jgħidux ġuristi u awturi Franċiżi u Taljani huwa għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku tagħna* – Appell Ċivili – **"Cardona vs Tabone"** – deċiża fid-9 ta' Marzu 1992).

"Illi l-Qorti tibda biex tgħid li s-soċjeta' attriċi kienet kif jingħad bl-Ingliż u se tittraduċi l-Qorti *'ekonomika mas-sewwa'* fir-rikors promotur tagħha. Li ġara kien li f'xi żmien hija ddeċidiet li tagħmel xogħol ta' tisbieħ tal-faċċata tagħha, kif kellha kull dritt li tagħmel, u biex tagħmel dan talbet il-permess li tneħħi l-lampa in kwistjoni li kienet ilha hemm għexieren ta' snin skond kif jirriżulta ampjament mill-provi. Jirriżulta li meta sar dan ix-xogħol is-sidien tas-soċjeta' attriċi approfittaw ruħhom minn din is-sitwazzjoni u ma reġgħux waħħlu l-lampa għaliex evidentement kienet qed iddejjaqhom. Kien dan li wassal lill-Kunsill konvenut jinkariga lis-soċjeta' Nexos terġa' twaħħal lampa fejn kienet qabel (naturalment mhux l-istess lampa iżda waħda ġdida) wara li ottjeniet il-permess tal-Korporazzjoni konvenuta. Dan ma jikkostitwixxi ebda spoll; l-azzjoni ta' spoll hija ntiża għal kontra min jikser l-ordni pubblika u mhux kontra awtorita' lokali li tagħmel dmirha meta terga' tirripristina d-dawl fi triq prinċipali għall-benefiċċju tar-residenti u ta' min jgħaddi minn dik it-triq. Dan ma jfissirx li awtorita' pubblika, tkun min tkun, ma tistax tkun responsabbli għal spoll, iżda dan ċertament ma japplikax għall-każ in eżami.

"Illi *oltre* dan anke jekk wiehed jasal biex jgħid li kif irreaġixxa l-Kunsill jikkostitwixxi spoll (li l-Qorti jidhrilha li mhux il-każ), dan għamlu biex ipatti għall-ispoll kommess mill-istess attriċi meta qalgħet il-lampa u ma reġgħetx poġġietha f'postha. Infatti f'każ bħal dan japplika l-prinċipju ***'vim vi ripellere licet'***; fuq dan l-aspett, il-Qorti tal-Appell fil-kawża **"Camilleri vs Bonello"** (deċiża fil-5 t'Ottubru 1998) iċċitat sentenza antika (**Vol XXIV pt 1 pagna 281**) illi rriteniet illi:

> "*Dell' altro canto chi rimuove ostacoli trovati el passaggio ale proprie terre per apririvi l' accesso che prima possedeva non fa' atto violento, ne' commette spoglio, ne' si fa' giustizia da se ma esercita il su diritto entro i limiti del suo possesso, o meglio, afferma e continua il proprio possesso di cui era in godimento legittimo che fu turbato da chi ha posto quegli ostacoli.*"

"Illi l-Qorti mbagħad qalet li dan naturalment japplika *a contrario senso.* Din il-Qorti tħoss li dan il-bran appena ċitat jista' japplika perfettament għall-każ in eżami.

"**DEĊIŻJONI**
"**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tiċħad it-talbiet attriċi.**

"**L-ispejjeż jitħallsu mis-soċjeta' attriċi**".

**Rikors tal-appell tas-soċjetajiet Arcidiacono Ltd u Boris Arcidiacono Ltd (28.07.2015)**

3. Is-soċjetajiet atturi ħassew ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell (konsistenti f'erba' (4) aggravji) minnha.

(1) **L-ewwel aggravju**: - *apprezzament ħażin tal-fatti fir-rigward ta' kif tneħħiet il-lampa tat-triq*

4. L-appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti li wassalha biex tiddeċiedi l-kawża kontrihom. Huma jsostnu li mhux minnu li huma jew ir-rappreżentanti tagħhom kienu talbu li l-lampa (li kienet imwaħħla fuq il-faċċata tax-showroom fl-Imsida) tinqala' u jgħidu li lanqas ma qalgħuha huma. Jilmentaw li l-ewwel Qorti injorat il-fatt li kien sar rapport l-għassa dwar in-nuqqas ta' din il-lampa. Jaċċennaw għall-fatt li ma jirriżultax mill-atti min kienu l-persuni responsabbli sabiex tinqala' l-lampa, għalkemm is-sens komun jiddetta li

kienu tal-Enemalta. Jaċċennaw għax-xhieda ta' Boris Arcidiacono fejn qal li l-wires u l-cables kienu tneħħew minn mal-faċċata tax-showroom minn persuni tal-Enemalta u x'aktarx li l-lampa wkoll tneħħiet minn tal-Enemalta.

<u>(2) **It-tieni aggravju**: - *applikazzjoni ħażina tal-liġi – vim vi repellere licet*</u>

5. Is-soċjetajiet atturi jilmentaw mill-fatt li l-ewwel Qorti dehrilha li se mai l-ispoll kommess mill-Kunsill iservi biex ipatti għall-ispoll kommess minnhom meta qalgħu l-lampa u ma reġgħux poġġewha f'postha, u konsegwentement iġġustifikat il-komportament tal-Kunsill fuq il-prinċipju *vim vi repellere licet.* Isostnu li ma jikkonkorrux iċ-ċirkostanzi neċessarji sabiex din id-difiża tkun tista' titqajjem:

(i) Jargumentaw fl-ewwel lok illi qatt ma ġie ppruvat li l-Kunsill Lokali sofra għemil spoljattiv kommess minnhom. It-teżi tagħhom hi li xi ħadd, terz injot, seraq il-lampa. Jaċċennaw għall-fatt li tonqos il-prova li kienu huma, jew persuni imqabbda minnhom li wettqu tali att.

(ii) Iżidu jgħidu wkoll li ma kienx hemm reazzjoni immedjata u dan għaliex għaddew ħafna xhur minn meta nqalgħet il-lampa u twaħħlet oħra.

(iii) Jgħidu wkoll li lanqas ma jirriżulta pruvat li r-reazzjoni seħħet fl-istess ċirkostanzi seħħ l-għemil spoljattiv. Jgħidu li ma jistgħux ikunu huma li jbatu l-oneru ta' prinċipju meta ma ġiex muri li kienu huma li wettqu spoll.

<u>(3) **It-tielet aggravju**: - *apprezzament ħażin tal-liġi – l-utilità pubblika tal-lampa*</u>

6. Is-soċjetajiet atturi jilmentaw li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħazin tal-liġi meta ddeċidiet li l-lampa mertu tal-kawża hija ta' utilità pubblika. Jargumentaw illi l-utilità pubblika – l-konvenuti jiddefinixxu fir-risposti tagħhom bħala servitù ta' utilità pubblika – tista' tiġi biss applikata jekk dik is-servitù hija maħluqa permezz ta' kuntratt jew tal-liġi u jirreferu għall-pożizzjoni li ħa l-Kunsill Lokali meta ddistingwa lilu nnifsu b'poter konferit mil-liġi biex jerġa' jqiegħed kollox kif kien qabel. Huma jaċċennaw għall-fatt li din l-allegata servitù ma toriġina minn l-ebda liġi, u di più jgħidu li anke kieku kienet effettivament espressa minn liġi, wieħed jistaqsi kemm il-lampa in kwistjoni kienet verament għal utilità pubblika in vista tal-fatt li kien ilha mitfija għal żmien twil.

<u>(4) **Ir-raba' aggravju:** - *apprezzament ħażin tal-fatti – ripristinazzjoni tad-dawl minn awtorità lokali għall-benefiċċju tar-residenti u tal-utenti*</u>

7. Is-soċjetajiet atturi ħassew ruħhom aggravati bil-kumment tal-ewwel Qorti meta qalet li mhux spoll meta si tratta ta' awtorità lokali li tagħmel dmirha biex terġa' tirripristina d-dawl għall-benefiċċju tar-residenti u ta' min jgħaddi minn dik it-triq. Fir-rigward tal-allegazzjoni tal-Kunsill Lokali li minn mindu inqalgħet il-lampa żdiedu l-inċidenti, jgħidu li din ma tikkostitwix prova, u jikkummentaw li l-ebda prova statistika f'dan is-sens ma tressqet. Dwar l-allegazzjoni li l-lampa hija ta' "benefiċċju" għar-residenti u għal kull min jgħaddi minn hemm, jaċċennaw għall-fatt li kien ilha ma taħdem għal żmien twil, u di più jargumentaw li dik il-parti tat-triq hija ben servita minn bozoz ta' triq oħra li jipprovdu aktar dawl minn din il-bozza partikolari tant li din il-parti tat-triq hija "illuminatissima".

**Risposta tal-appell ta' Enemalta p.l.c. bħala suċċessur legali tal-Korporazzjoni Enemalta ai termini tal-Kapitolu 536 tal-Liġijiet ta' Malta (14.08.2015)**

8. Is-soċjetà Enemalta plc wieġbet biex tgħid li fil-fehma tagħha l-appell interpost mis-soċjetajiet atturi għandu jiġi miċħud billi s-sentenza appellata hija ġusta, legalment korretta u tagħmel apprezzament tajjeb tal-provi miġbura in prima istanza.

9. Hija tispjega fl-ewwel lok li hija ġurisprudenza kostanti li din il-qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti ħlief fejn jirriżulta li dak l-apprezzament iwassal għal amministrazzjoni palesament ħażina tal-ġustizzja. Hija ssostni pero` li ma kien hemm l-ebda apprezzament żbaljat tal-provi f'dan il-każ anzi tgħid li huma s-soċjetajiet atturi appellanti, kemm in prima istanza, kif ukoll f'dan l-istadju tal-appell li qed jagħtu verżjonijiet skorretti. Taċċenna għar-rimarka tal-ewwel Qorti meta hija qalet li kienet is-soċjetà attriċi li kienet "*ekonomika mas-sewwa*" meta ppruvat tagħti l-impressjoni li l-lampa tneħħiet mill-Korporazzjoni Enemalta. Hija targumenta li fil-fatt mill-provi jirriżulta li l-Korporazzjoni Enemalta neħħiet biss il-wires/linji antiki li kienu mal-faċċata, iżda mhux ukoll il-lampa. Issostni li l-Korporazzjoni Enemalta la neħħiet il-lampa u lanqas waħħlet lampa oħra, għaliex fil-fatt kienet is-soċjetà Nexos Street Lighting Ltd, fuq inkarigu tal-Kunsill Lokali tal-Msida, li waħħlet il-lampa. Iżżid tgħid li kienet biss is-soċjetà attriċi li kienet gergret dwar il-bozza u li kellha interess tneħħiha minn fuq il-faċċata tagħha u li l-ewwel Qorti kellha kull dritt tiskarta t-teżi ta' Boris Arcidiacono u minflok tikkonkludi li fuq bilanċ ta' probabilitajiet, il-lampa tneħħiet proprju mis-soċjetajiet atturi.

10. Tkompli tgħid li l-ewwel Qorti la għamlet apprezzament żbaljat tal-provi u lanqas ma jirriżulta li saret xi applikazzjoni ħażina tal-liġi. Tgħid li kienet korretta meta kkonkludiet li ma kien sar l-ebda spoll meta s-

soċjetà Nexos Street Lighting, fuq inkarigu tal-Kunsill Lokali, irripristinat il-lampa tad-dawl li kienet hemm għal snin twal, u li invece si trattava sempliċiment ta' ripristinazzjoni tad-dawl fi triq prinċipali għall-benefiċċju tar-residenti u ta' kull min jgħaddi mit-triq.

11. Inoltre s-soċjetà appellata Enemalta plc issostni li effettivament japplika l-prinċipju tal-*vim vi repellere licet* invokat mill-ewwel Qorti bħala motivazzjoni addizzjonali biex tiċħad it-talbiet. Tgħid li kienet korretta l-ewwel Qorti meta osservat li jekk wieħed għandu jikkonsidra l-azzjoni tal-Kunsill Lokali bħala spoll dan kien biex ipatti għall-ispoll kommess mill-istess soċjetà attriċi meta qalgħet il-lampa u ma reġgħetx waħħlitha. Issostni li l-Kunsill Lokali kellu kull dritt jirrispinġi l-aġir tal-appellanti purke l-azzjoni kienet waħda proporzjonata, fis-sens li l-għan tagħha kien li jerġa' jiġi stabbilit l-*istatus quo ante*.

12. Kuntrarjament għall-asserzjoni tas-soċjetajiet atturi li l-lampa mertu tal-kawża mhix mertu ta' utilità pubblika, is-soċjetà Enemalta plc issostni invece li l-awtorità pubblika tgawdi minn servitù għall-utilità pubblika fuq il-faċċata ta' propjetajiet privati sabiex tissupplixxi, twaħħal, jew tagħmel manutenzjoni ta' tagħmir li jservi ta' utilità pubblika bħal ma hu l-każ tal-bozoz tad-dwal. Targumenta li kieku ma kienx hekk, kieku kulħadd jista' jiftaħ kawża ta' spoll kif jitwaħħal wire mal-faċċata tiegħu!

13. Finalment issostni li hija mhix il-leġittima kontradittriċi għat-talbiet attriċi billi kien il-konvenut Kunsill Lokali tal-Msida u mhux hi li waħħal il-lampa in kwistjoni u għalhekk it-talbiet attriċi żgur li ma jistgħux jintlaqgħu fil-konfront tagħha. Fil-fatt issostni li dan l-appell huwa frivolu u vessatorju fil-konfront tagħha u għalhekk tgħid li hija l-umli fehma tagħha li din il-qorti għandha tiċħad l-appell tas-soċjetajiet atturi bl-ispejjeż kontrihom u tikkundannahom biex iħallsuha d-*doppio spese.*

14. Il-konvenuti l-oħra ma pprezentawx ir-risposti relattivi tagħhom.

**<u>Sfond tal-kawża</u>**

15. Iċ-ċirkostanzi li taw lok għal din il-vertenza jirrigwardaw lampa tat-triq li twaħħlet mal-faċċata tax-showroom tas-soċjetajiet atturi. Jirriżulta li mal-faċċata ta' din ix-showroom kienet teżisti lampa għal għexieren ta' snin. Kien hemm ukoll ħafna cables tad-dawl, fosthom anke cables antiki li ma kellhomx użu. Meta kien ser isir xogħol ta' tisbieħ fuq il-faċċata tax-showroom, Boris Arcidiacono (direttur tas-soċjetajiet atturi) applika mal-Enemalta biex hija taqla' l-cables tad-dawl, u hija fil-fatt hekk għamlet. Is-soċjetà Boris Arcidiacono Ltd fil-fatt ħallset €989 talli l-Enemalta għamlet dan ix-xogħol ta' "*deviation of aerial lines*". Sabiex ikun jista' jsir ix-xogħol fuq il-faċċata, Boris Arcidiacono ottjena l-permess mingħand il-Kunsill Lokali tal-Msida sabiex jiġi installat

*scaffolding*. Jirriżulta li kien ukoll talabha biex tneħħi l-lampa iżda jidher li ma kienx sta għall-istess Kunsill Lokali li jieħu tali deċiżjoni peress li tali kwistjonijiet huma kompitu tal-Enemalta. Ġurnata fost l-oħrajn, waqt li kien għad hemm l-i*scaffolding* armat, din il-lampa tneħħiet minn mal-faċċata tax-showroom. In vista tal-fatt li Boris Arcidiacono kien wera interess li l-lampa titneħħa, l-Kunsill Lokali bagħat għalih u saret laqgħa fejn kien hemm is-sindku, viċi sindku, Boris Arcidiacono, u l-legali taż-żewġ partijiet. Skont Matthew Dimech, li dak iż-żmien kien is-segretarju ezekuttiv tal-Kunsill, il-laqgħa spiċċat ħażin, b'Boris Arcidiacono jipponta subgħajh lejn l-uffiċjali tal-Kunsill Lokali u jgħidilhom li "*dik il-bozza ma terġgħux twaħħluha hemmhekk".* Sena u xahrejn wara li l-lampa inqalgħet, il-Kunsill Lokali kkuntratta lis-soċjetà konvenuta Nexos Street Lighting Ltd, u hija għaddiet il-wiring mal-faċċata tax-showroom u waħħlet lampa ġdida fl-istess post, kif indikata fil-mappa. Is-soċjetajiet atturi jsostnu li dan jammonta għal aġir spoljattiv.

16. **<u>L-ewwel aggravju</u>** jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti li għamlet l-ewwel Qorti in kwantu qalet li meta s-soċjetà attriċi kienet qed tagħmel xogħol ta' tisbieħ tal-faċċata "*…talbet il-permess li tneħħi l-lampa in kwistjoni li kienet ilha hemm għexieren ta' snin skont kif irriżulta ampjament mill-provi*". Is-soċjetajiet appellanti jargumentaw illi ma jirriżulta minn imkien li huma jew rappreżentanti tagħhom qatt talbu li l-lampa in disputa tinqala'.

17. Il-provi invece juru li Boris Arcidiacono (rappreżentant tas-soċjetajiet appellanti) kien effettivament talab lil Matthew Dimech[1] (li kien segretarju eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Msida) biex titneħħa l-lampa:

> "*U waqt li kien għaddej il-proċess li kien qed jirranġa l-faċċata kien avviċina lili fl-uffiċċju tiegħi, darbtejn, jekk mhux sejjer żbaljat, darba żgur, jista' jkun darbtejn, u kien talabni, dan kelllu bozza mwaħħla mal-faċċata tax-showroom, bozza ovvjament tad-dawl li kienet Rue D'Argens corner with St Anthony Street, u kien talabni li la darba qed jirranġa x-showroom, biex ineħħuha. Jien kont għidtlu ħa nitkellimha mal-Kunsill, għidtlu imma dawk il-bozoz mhux il-Kunsill jiddeċiedi fejn ipoġġihom, dan hemm site map li din is-site map tipproduċiha l-Enemalta…il-Kunsill ma jistax iwaħħal bozza fejn jiġi jiġi, fil-qasir, irid iwaħħal fejn ittih permess l-Enemalta*".

18. L-ewwel Qorti donnha fehmet li s-soċjetajiet atturi ingħatalhom il-permess biex temporanjament (sakemm jitlestew ix-xogħlijiet) jaqilgħu l-lampa – fil-fatt tgħid illi meta tlesta x-xogħol fuq il-faċċata "*approfittaw ruħhom minn din is-sitwazzjoni u ma reġgħux waħħlu l-lampa għaliex evidentement kienet qed iddejjaqhom*". Kif ġie spjegat *supra* iżda, ma kien ingħatalhom l-ebda permess f'dan is-sens. Li ġara hu li l-lampa misterjożament għebet minn mal-faċċata fejn kienet imwaħħla. Ma kienx għalhekk il-każ li s-soċjetajiet atturi kellhom "jerġgħu iwaħħluha", kif jidher li fehmet l-ewwel Qorti.

19. Is-soċjetajiet atturi jilmentaw illi l-ewwel Qorti injorat li nhar l-10 ta'

[1] Xhieda ta' Matthew Dimech tal-15 ta' April 2013, fol 80-83

Novembru 2010 sar rapport ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tal-Imsida dwar in-nuqqas tal-lampa. Ir-rapport tal-10 ta' Novembru 2010 pero` ma jirrigwardax in-nuqqas tal-lampa, iżda invece huwa r-rapport li kien għamel Boris Arcidiacono stess meta twaħħlet it-tieni lampa (dik in kwistjoni) max-showroom. Jidher li r-rapport li riedu jirreferu għalih kien dak tat-18 ta' Settembru 2009[2] fejn Matthew Dimech, segretarju eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Imsida rraporta li l-lampa in kwistjoni kienet "missing". Fil-fatt jidher li l-ewwel Qorti ma qisietx dan ir-rapport.

20. Dwar min seta' qala' l-lampa oriġinali, s-soċjetajiet atturi l-ewwel jissuġġerixxu li aktarx kienu l-persuni inkarigati mill-Enemalta biex ineħħu l-cables. Jirreferu għax-xhieda bl-affidavit ta' Maurice Bugeja[3] u ta' Adrian Farrugia[4], it-tnejn impjegati tas-soċjetajiet atturi, fejn qalu li "*Meta tnaddfet il-faċċata kien tneħħa kollox, inkluż il-wiring li kien hemm imwaħħal u kif ukoll lampa*". Iżda Antoine Muscat da parti tal-Enemalta xehed illi mill-file li kellu seta' jikkonferma li in segwitu għall-applikazzjoni ta' Boris Arcidiacono kienu ixxiftjaw il-linji, pero` fir-rigward tal-lampa in kwistjoni ma rriżultalu xejn mill-file. Is-soċjetà atturi mbagħad jgħidu wkoll li dak iż-żmien li sparixxiet il-lampa kien hemm l-i*scaffolding* mal-faċċata u għalhekk jissuġġerixxu wkoll li terzi injoti li kellhom motivazzjonijiet ħżiena setgħu faċilment neħħew il-lampa.

---

[2] Fol 96-97
[3] Affidavit ta' Maurice Bugeja, fol 37
[4] Affidavit ta' Adrian Farrugia, fol 38

21. Għalhekk dak li jirriżulta mill-provi hu li għal ħafna snin kien hemm lampa pubblika mwaħħla mal-faċċata tax-showroom tas-soċjetajiet atturi u li din il-lampa misterjożament sparixxiet f'Settembru 2009. Għalkemm min qalagħha ma nqabadx fil-fatt, fil-fehma ta' din il-qorti dan x'aktarx kien xi ħadd imqabbad mis-soċjetajiet atturi. Dan qed jingħad minħabba diversi raġunijiet: (i) fl-ewwel lok Boris Arcidiacono bħala direttur tas-soċjetajiet atturi kien talab lill-Kunsill biex il-lampa titneħħa; (ii) meta tali permess ma ngħatax u sussegwentement il-lampa sparixxiet, il-Kunsill bagħat għal Boris Arcidiacono u fil-laqgħa li saret miegħu u mal-legali tagħhom, jirriżulta li Boris Arcidiacono kien għamilha ċara li ma riedx li l-lampa terġa' titwaħħal; (iii) tant jidher li kien reżolut fil-fehma tiegħu li meta l-Kunsill sussegwentement bagħat in-nies fuq il-post biex jistallaw lampa oħra fil-post fejn kienet il-lampa oriġinali, inħass il-bżonn li jissejjaħ pulizija għall-assistenza; u (iv) is-soċjetajiet atturi għadhom sallum determinati bil-qawwa kollha li l-lampa li twaħħlet mill-Kunsill (u l-wires tal-elettriku) terġa' tinqala'. It-teoriji alternattivi li jippreżentaw is-soċjetajiet atturi (li l-lampa inqalgħet mill-Enemalta meta neħħew il-wires – ħaġa li mhux korroborata mill-Enemalta stess - jew li qalagħha xi terz b' "motivazzjonijiet ħżiena") huma inverosimili għall-aħħar u għalhekk fuq bilanċ ta' probabilitajiet din il-qorti hija tal-fehma li l-lampa effettivament inqalgħet minn persuna/i inkarigti mis-soċjetajiet atturi.

22. Għalkemm l-ewwel Qorti ma kenitx preċiża fl-apprezzament tal-

provi minħabba li jidher li fehmet li s-soċjetajiet atturi kienu talbu l-permess biex ineħħu l-lampa in kwistjoni sakemm jitlestew ix-xogħlijiet fuq il-faċċata u li imbagħad wara li qalgħuha naqsu li jerġgħu jpoġġuha fejn kienet, (minflok ma fehmet li kienu fil-fatt qalgħuha nonostante li ma kellhomx permess) ma jidhirx li dan il-fatt *per se* wassalha biex tasal għal konklużjoni differenti.

23. Għalhekk l-ewwel aggravju huwa infondat.

24. Din il-qorti ser tikkonsidra t-tieni aggravju rigwardanti l-*vim vi repellere* licet aktar 'il quddiem, peress li biex tiġi applikata tali difiża irid fl-ewwel lok jiġi stabbilit li l-konvenut ikun effettivament ikkommetta spoll fil-konfront tal-attur, u t-tielet aggravju huwa marbut mal-kwistjoni dwar jekk bit-twaħħil tat-tieni lampa f'Novembru 2010 ġiex fil-fatt kommess spoll fil-konfront tas-soċjetajiet atturi da parti tal-Kunsill Lokali. Għalhekk ser tgħaddi issa biex tikkonsidra dan it-tielet aggravju.

25. **<u>It-tielet aggravju</u>** jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti ddeċidiet li l-lampa mertu tal-kawża hija ta' utilità pubblika. Effettivament dak li qalet l-ewwel Qorti kien li dak li għamel il-Kunsill Lokali (meta inkarigat lis-soċjetà Nexos biex twaħħal il-lampa) ma kienx jikkostitwixxi spoll peress li:

> "*…. L-azzjoni ta' spoll hija intiża għal kontra min jikser l-ordni pubblika*

*u mhux kontra awtorità lokali li tagħmel dmirha meta terġa tirripristina d-dawl fuq triq prinċipali għall-benefiċju tar-residenti u ta' min jgħaddi min dik it-triq. Dan ma jfissirx li awtorità pubblika, tkun min tkun, ma tistax tkun responsabbli għal spoll, iżda dan ċertament ma japplikax għal-każ in eżami*".

26. Fir-rigward ta' jekk entità pubblika tistax tkun responsabbli għal aġir spoljattiv din il-qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

27. Ma hemm xejn fil-liġi li jżomm lil xi ħadd milli jipproċedi bl-azzjoni ta' spoll jekk iħoss li għandu jagħmel dan anke fil-konfront ta' entità pubblika. L-Artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili sempliċiment jgħid illi persuna li, bil-vjolenza jew bil-moħbi, tiġi mneżżgħa mill-pussess jew detenzjoni ta' oġġett mobbli jew immobbli, hija tista' fi żmien xahrejn titlob li terġa' tiġi reintegrata f'dak il-pussess jew detenzjoni.

28. Il-ġurisprudenza u d-duttrina jitkellmu fuq l-azzjoni ta' spoll bħala azzjoni intiża biex tipprekludi lil min bl-awtorità privata jieħu l-liġi b'idejh:

*(a)* **Alfredo Delia v. Bonaventura Schembri et**, (P.A. 04.02.1958)

"*L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipproteġi l-pussess, ikun x'ikun…. li jiġi vjolentement jew okkultament meħud mingħand il-pussessur jew id-detentur….u hija inerenti għall-fatt ta' min b'awtorità privata….jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li għalkemm jista' jkollu dritt għalih ma jistax jeżerċitah mingħajr l-intervent tal-qorti*".;

(b) Fi kliem Pacifici Mazzoni, l-ispoll huwa:

"*qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la*

*volontarietà dello spogliato.*" (Vol III, Sez. 52);

(c) **Margherita Fenech v. Pawla Zammit**, (P.A. 12.04.1958)

> "*L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta' utilità soċjali milli fuq il-prinċipju assolut ta' ġustizzja, u hija eminentement intiża sabiex tkun estiża l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jiġi impedut liċ-ċittadin privat jieħu l-ġustizzja f'idejh*".

29. Ġie ritenut mill-qrati tagħna illi l-atti li jiġu magħmula minn entitajiet pubbliċi ma jammontawx għal spoll meta jkunu saru skont il-liġi. Hekk f'**Louis Gauci et v. Awtorità tal-Ippjanar** (P.A. 21.03.2002; 411/2000) ġie ritenut illi l-Att Dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap 356) jagħti dritt lill-Awtorità tal-Ippjanar li tesegwixxi l-ordnijiet tagħha u anke tagħti l-pussess lill-istess sabiex tidħol fuq l-art indikata b'forza ta' liġi. Il-qorti sabet li l-aġir tal-Awtorità tal-Ippjanar ai termini tal-liġi ma jistax jammonta għal spoll. Hekk ukoll, f'**Ines Farrugia v. Awtorità għat-Trasport** (Q.App.30.11.2012; 499/2010) ġie deċiż li l-Awtorità għat-Trasport ikkommettiet spoll meta spustjat 'il ġewwa dak il-ħajt tas-sejjiegħ tal-għalqa tal-attriċi li ma kienx milqut bl-ordni ta' esproprjazzjoni.

30. Mill-premess isegwi li entità pubblika ma tistax tinstab responsabbli ta' spoll jekk l-atti li tkun għamlet (ovvjament fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha) ikunu saru ai termini tal-liġi.

31. Fil-każ tallum, wara li l-lampa oriġinali nqalgħet (u kif ingħad fil-

konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel aggravju, din il-qorti hija konvinta li nqalgħet fuq struzzjonijiet tas-soċjetajiet atturi) is-soċjetajiet atturi kellhom il-pussess tal-faċċata mingħajr ebda lampa jew *wires* tal-elettriku. Dan il-pussess huwa dak li l-*actio spolii* tipproteġi. Għall-finijiet tal-*actio spolii* huwa biżżejjed pussess ta' liema xorta jkun, anke jekk hu pussess mhux għal żmien twil jew anke pussess illegali. Bit-twaħħil tat-tieni lampa dan il-pussess ġdid li bdew igawdu s-soċjetajiet atturi (cioe` pussess ta' faċċata mingħajr lampa u mingħajr il-wires relattivi għaliha) ġie molestat, iżda kif spjegat, jekk dan jammontax għal spoll jew le jiddependi minn jekk il-Kunsill Lokali aġixxiex fil-parametri tal-liġi.

32. Għalhekk hu neċessarju jiġi stabbilit jekk it-twaħħil ta' lampa pubblika minn Kunsill Lokali jew bl-awtorizzazzjoni ta' Kunsill Lokali ma' faċċata ta' proprjetà privata huwiex sanzjonat mill-liġi.

33. L-appellanti jilmentaw li r-regolamenti li jeżistu biex jirregolaw il-prassi li tiġi segwita biex isiru installazzjonijiet ma jistabbilux servitù ta' utilità pubblika favur il-Kunsill Lokali li ttih xi poter li jwaħħal lampi kontra l-kunsens tas-sidien tal-proprjetà.

34. Antoine Muscat[5] mill-Enemalta, fix-xhieda tiegħu jispjega li meta tiġi biex titwaħħal lampa ġdida fuq applikazzjoni tal-Kunsill Lokali, l-

[5] Xhieda ta' Antoine Muscat tal-04 ta' Marzu 2015, fol 112-116

Enemalta tqis l-applikazzjoni u jekk tara li ġew sodisfatti l-kriterji tagħti lill-Kunsill Lokali l-*go ahead*. Il-Kunsill iwaħħal il-*bracket* u l-lampa u l-bozza, u mbagħad l-Enemalta jikkonettjawha. Jgħid li f'każ ta' lampa antika li kienet teżisti qabel u li diġa tkun indikata fuq is-site plan l-Enemalta ma tkunx involuta. Każijiet ta' *replacements* ta' lampi jieħu ħsiebhom il-Kunsill. Il-Kunsill Lokali tal-Msida fil-fatt esebixxa s-*site plan* ta' zona mill-Msida relattiva għall-lampa in kwistjoni (Dok KLM1[6]). Wieħed jista' jara l-lampi indikati, inkluż dik in kwistjoni bin-numru ZD0641.

35. L-avukat Dr Alex Sciberras[7] li kien jokkupa l-kariga ta' Sindku sal-2009, (ftit qabel ma nqalgħet il-kwistjoni) fix-xhieda tiegħu jispjega li filwaqt li faċċata tista' tkun ta' persuna privata, l-entitajiet pubbliċi b'awtorità tal-liġi għandhom l-awtorità biex iwaħħlu dawn il-bozoz biex jassiguraw li l-inħawi kollha jkunu mdawwla matul il-lejl. Jgħid li huwa abbażi ta' tali awtorità li huma dejjem imxew u jispjega li dejjem kienet il-fehma li dawn jikkostitwixxu "*servitù ta' utilità pubblika*". Huwa però ma semmiex liema hija l-liġi jew ir-regolamentazzjoni li tagħti lill-Kunsill l-awtorità li tistalla l-lampi pubbliċi mal-faċċati ta' propjetajiet privati.

36. L-Artikolu 402(1) tal-Kodiċi Ċivili jistipula li: "*Is-servitujiet maħluqa mil-liġi għall-utilità pubblika huma stabbiliti minn liġijiet jew regolamenti*

[6] Fol 118
[7] Xhieda ta' Alex Sciberras tal-21 ta' Marzu 2014, fol 89

*speċjali*".

37. L-Avviż Legali 114 tal-2002 dwar id-Delega ta' Stallazzjonijiet u Tidwil tat-Toroq lill-Kunsilli Lokali[8], li permezz tiegħu l-installazzjonijiet tas-sistemi kollha ġodda ta' tidwil fit-toroq, u l-manutenzjoni tal-istess ġew delegati lill-Kunsilli Lokali għar-rigward tal-istallazzjonijiet fil-lokalità tiegħu. (Fir-rigward tal-Kunsill Lokali tal-Msida, id-data tad-delega effettiva kienet l-1 ta' Ġunju 2003.) Dan l-Avviż ikompli jgħid illi l-istallazzjonijiet u l-manutenzjoni tagħhom għandhom isiru skont ir-regolamenti magħmula mill-Korporazzjoni Enemalta skont l-Att dwar l-Enemalta[9] u skont livelli, speċifikazzjonijiet, metodi tax-xogħol u proċeduri stabbiliti bil-pubblikazzjoni "*Street Lighting Devolution Manual*".

38. Minn dawn ir-regolamenti, iżda, ma jirriżultax li l-Kunsill Lokali għandu l-awtorità jwaħħal lampi kontra l-kunsens tas-sidien tal-proprjetà. U jirriżulta li s-soċjetajiet atturi, tramite d-direttur tagħhom Boris Arcidiacono, għamluha ċara li ma riedux lampa mal-faċċata.

39. Fl-24 ta' Ġunju 2016 il-Qorti ordnat lill-partijiet biex jindikaw permezz ta' nota id-dispożizzjoni ta' liġi jew regolament li joħloq is-"servitù ta' utilità pubblika" li għalih saret riferenza fil-kors tat-trattazzjoni

[8] Leġislazzjoni Sussidjarja 363.91
[9] Issa kif stabbiliti mill-Att Dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, Kap 423

tal-appell". B'nota tas-7 ta' Lulju 2016, il-kumpaniji appellanti ddikjaraw li ma kien hemm l-ebda liġi jew regolament speċjali li jistabilixxi servitù ta' utilità pubblika waqt li b'nota tal-14 ta' Lulju 2016 l-Enemalta p.l.c. ddikjarat li d-dritt tal-Enemalta li tinstalla public lighting fit-toroq kien jemani mill-Artikolu 40 tal-Kap 272. Il-Kunsill Lokali u l-Kumpanija Nexos Street Ligthting Ltd ma indikaw ebda dispożizzjoni legali.

40. Fl-2010, fi żmien meta ġraw il-fatti mertu tal-kawża tallum, l-Artikolu 40 tal-Kap 272[10] kien jipprovdi kif ġej:

> "(1) Meta Enemalta tirċievi avviż kif imiss mingħand il-Ministru, li jkun jeħtieġha li twaħħal lampi pubbliċi jew li tipprovdi enerġija elettrika għal lampi pubbliċi, għandha tipprovdi u twaħħal dawk il-lampi pubbliċi u, safejn tkun tista' tagħmel dan, tagħti u tkompli tagħti provvista ta' enerġija elettrika lil dawk il-lampi f'dawk il-kwantitajiet skond ma' l-Ministru jista' jkun jeħtieġ minn żmien għal żmien:
>
> "Iżda fil-każ ta' dawl pubbliku, l-Enemalta ikollha sswegwi dawk l-istruzzjonijiet ta' natura teknika li taf toħroġ l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi.
>
> "(2) Il-prezz li għandu jiġi mitlub minn, u mħallas lil, Enemalta għall-provvista u twaħħil ta' lampi pubbliċi u għall-enerġija elettrika provduta lil dawk il-lampi, u l-ħwejjeġ kollha li għandhom x'jaqsmu magħhom, għandu jiġi ffissat bi ftehim bejn il-Gvern u l-Korporazzjoni, wara li jiġu meqjusa l-fatturi kollha rilevanti.
>
> (3) "F'dan l-artikolu "lampa pubblika" tfisser lampa elettrika li tintuża biex tinxtegħel xi triq".

41. Mill-Artikolu 40 imsemmi ma jirriżulta ebda "servitù ta' utilità pubblika". Di fatti mid-dispożizzjonijiet imsemmija ma jirriżultax li l-Ministru jew l-Enemalta kellhom xi setgħa jistallaw jew jordnaw li jiġu

[10] L-Artikolu 40 oriġinali kien ġie sostwit, bl-Artikolu 24 tal-Att XXVII tal-2007, bl-artikolu hawn riprodott. Il-Kap 272 ġie eventwalment imħassar bl-Att XXXIV tal-2014.

nstallati lampi pubbliċi fuq proprjetà privata mingħajr il-kunsens tas-sidien ta' dik il-proprjetà. Dak li jirriżulta hu li l-Ministru seta', bi prezz skont kif miftiehem, jagħti avviż lill-Enemalta sabiex twaħħal lampi elettriċi biex jintużaw biex tinxtegħel xi triq, iżda dan ma jfissirx li dawk il-lampi pubbliċi setgħu jitwaħħlu ma' proprjetà privata mingħajr l-approvazzjoni tas-sid. Ebda dispożizzjoni oħra legali ma ġiet indikata, u ma tiriżulta, li kienet tagħti xi tali setgħa lill-Ministru jew lil Enemalta. Għalhekk ebda tali setgħa ma setgħet ġiet legalment delegata lill-Kunsill Lokali.

42. Għalhekk jidher li t-tielet aggravju huwa fondat – ma rriżultat l-ebda servitù ta' utilità pubblika li abbażi tagħha setgħu jsiru stallazzjonijiet ta' lampi mal-propjetajiet ta' persuni privati anke kontra l-kunsens tagħhom.

43. **<u>Ir-raba' aggravju</u>** jirrigwarda l-argument tal-ewwel Qorti meta qalet li mhux spoll meta l-azzjoni hija diretta kontra "*…awtorità lokali li tagħmel dmirha meta terga' <u>tirripristina d-dawl</u> fi triq prinċipali għall-benefiċċju tar-residenti u ta' min jgħaddi minn dik it-triq*".

44. Is-soċjetajiet atturi jgħidu li fost id-dikjarazzjonijiet bla bażi li għamel il-Kunsill Lokali, kien hemm dik dwar l-inċidenti tat-traffiku li allegatament żdiedu meta nqalgħet il-bozza. Jilmentaw li dan ma ġiex

pruvat. Inoltre jirreferu għax-xhieda ta' Boris Arcidiacono[11] fejn qal li tant il-lampa ma kenitx qed isservi għall-utilità pubblika li anqas biss kienet tintuża jew taħdem u lanqas biss kienet ikkomunikata mal-elettriku. Jirreferu wkoll għax-xhieda ta' Boris Archidicono, Maurice Bugeja u Adrian Farrugia fejn qalu li f'dik il-parti tat-triq hija servuta minn bozoz oħra tat-triq li jipprovdu iktar dawl minn din in kwistjoni.

45. Iżda anke jekk il-lampa in kwistjoni fil-mument li nqalgħet kienet ilha ma taħdem u għalhekk bit-twaħħil mill-ġdid tagħha *non si trattava* ta' "ripristinar ta' dawl", u anke jekk effettivament jeżistu bozoz oħra fl-istess parti tat-triq li jagħtu dawl iktar minnha, u allura sa kemm twaħħlet mill-ġdid ma kienx hemm dlam, fl-opinjoni ta' din il-qorti dan ma jfissirx li t-twaħħil mill-ġdid tagħha ma kien ta' ebda benefiċċju. Ladarba kienet indikata fuq is-*site plan* tal-Enemalta ifisser li tqegħdet hemm fl-ewwel lok għaliex kien hemm il-bżonn għaliha. Jekk il-bozoz l-oħra ġew warajha, sinjal li qam il-bżonn għalihom nonostante l-lampa in kwistjoni, u jekk saru qabilha, sinjal li kienet neċessarja minkejja li kienu hemm. Li effettivament ma kenitx qed tinxtegħel fiż-żmien li nqalgħet hija irrilevanti.

46. Fi kwalunkwe każ, għall-fini ta' din l-azzjoni ta' spoll, kemm biex jiġi stabbilit jekk il-konvenut immolestax lill-attur fil-pussess tiegħu, u kemm biex jiġi stabbilit jekk (għall-finijiet tal-prinċipju tal-*vim vi repellere*

[11] Affidavit ta' Boris Arcidiacono fol 41-46

*licet*) kienx l-attur li oriġinarjament immolesta lill-konvenut fil-pussess tiegħu, huwa immaterjali jekk il-lampa kenitx tixgħel jew le, jew jekk hiex bżonnjuża għall-utenti jew le.

47. Dan iwassalna għall-konsiderazzjoni tal-aħħar aggravju. **It-tieni aggravju** jirrigwarda l-prinċipju tal-*vim vi repellere licet*: l-ewwel Qorti, wara li kkonkludiet li l-aġir lamentat ma jikkostitwixxix spoll, ikkummentat illi "*anke jekk wieħed jasal biex jgħid li kif irreaġixxa l-Kunsill jikkostitwixxi spoll (li l-Qorti jidhrilha li mhux il-każ) dan għamlu biex ipatti tal-ispoll kommess mill-istess attriċi meta qalgħet il-lampa u ma reġgħetx poġġietha f'postha*" u għalhekk, kompliet tgħid, japplika l-prinċipju *vim vi repellere licet*.

48. Kif spjegat din il-qorti fil-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-tielet aggravju, ma tirriżulta l-ebda "servitu` ta' utilità pubblika" li abbażi tagħha jistgħu isiru stallazzjonijiet ta' lampi mal-propjetajiet ta' persuni privati anke kontra l-kunsens tagħhom. Għalhekk għall-finijiet ta' din l-azzjoni ta' spoll, in vista tal-fatt li s-soċjetajiet atturi, wara li nqalgħet il-lampa, kellhom il-pussess tax-showroom bil-faċċata ħielsa minn xi lampa u mill-wires, jiġi li t-twaħħil tat-tieni lampa u tal-wires fuq l-istess faċċata mingħajr il-kunsens tagħhom u mingħajr l-awtorizzazzjoni xi liġi jew regolament f'dan is-sens, jammonta għal molestja ta' tali pussess.

49. Inċidentalment l-ewwel Qorti, minkejja li dehrilha li dan l-aġir ma jikkostitwixxix spoll, żiedet targumenta illi anke kieku kellu wieħed jasal biex jgħid li l-aġir tal-Kunsill kien jammonta għal spoll (kif fil-fatt qed tgħid din il-qorti) "*dan għamlu biex ipatti għall-ispoll kommess mill-istess attriċi meta qalgħet il-lampa u ma reġgħetx poġġietha f'postha*".[12] Għalhekk kienet tal-fehma li f'tali każ japplika l-prinċipju tal-*vim vi repellere licet* u għalhekk xorta waħda jirriżulta li l-aġir tal-Kunsill Lokali kien ġustifikat.

50. Is-soċjetajiet atturi appellanti jilmentaw illi ma japplikax il-prinċipju tal-*vim vi repellere licet* peress li ma ġiex pruvat li l-Kunsill Lokali sofra spoll kommess minnhom, u in oltre r-reazzjoni ma kenitx waħda immedjata.

51. Għar-raġunijiet fuq mogħtija, din il-qorti invece hija tal-fehma li l-Kunsill Lokali effettivament sofra spoll kommess minnhom.

52. Fir-rigward tal-immedjatezza o meno tar-reazzjoni tal-Kunsill Lokali, jirriżulta li f'Novembru 2010, (sena u xahrejn wara li s-soċjetajiet qalgħu l-lampa oriġinali f'Settembru 2009) twaħħlet lampa oħra fl-istess post da parti ta' Street Lighting Ltd, fuq inkarigu tal-Kunsill Lokali tal-

[12] Il-frażi "**u ma reġgħetx poġġietha f'postha**" intqalet mill-ewwel Qorti, peress li kif ġie spjegat fil-konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel aggravju, jidher li l-ewwel Qorti erronjament fehmet li s-soċjetajiet atturi kellhom xi permess temporanju biex ineħħu l-lampa sakemm isiru x-xogħlijiet fuq il-faċċata, u li mbagħad kellhom jerġgħu jqegħduha fejn kienet.

Msida, li da parti tagħha kienet qed issegwi l-pjanta mgħoddija lilha mill-Enemalta dwar fejn fit-toroq tal-Msida għandu jkun hemm lampi. Għalkemm jista' jingħad li l-Kunsill Lokali reġa' waħħal il-lampa in kwistjoni bħala affermazzjoni tal-pussess oriġinali li kellu tagħha, u b'reazzjoni għall-ispoll li wettqu s-soċjetajiet atturi meta neħħew il-lampa oriġinali, fil-fehma ta' din il-qorti għadda wisq żmien biex ir-reazzjoni tal-Kunsill Lokali titqies bħala immedjata. Jeżisti distakkament wisq kbir bejn iż-żewġ inċidenti u għalhekk ma jistax jiġi applikat il-prinċipju tal-*vim vi repellere licet* favut il-Kunsill Lokali.

**Decide**

Għal dawn il-motivi din il-qorti tilqa' l-appell tas-soċjetajiet atturi, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u:

(i) Tiddikjara u tiddeċiedi li l-Kunsill Lokali tal-Msida spussessa u spolja b'mod vjolenti lis-soċjetajiet atturi mill-pussess li kienu jgawdu u dana senjatament meta għamlu xogħlijiet konsistenti fi twaħħil ta' lampa u *wires* tal-elettriku mal-faċċata tax-*showroom* bl-isem "Boris Arcidiacono li tinstab f'Rue D'Argens, Msida;

(ii) Tikkundanna lill-istess Kunsill Lokali tal-Msida biex fi żmien tlett (3) ġimgħat mid-data ta' din is-sentenza jirreintegraw lis-soċjetajiet atturi fil-pussess u dana billi jerġgħu jqegħdu kollox fl-istat ta' qabel ma seħħ

l-ispoll, u dana billi jneħħu l-lampa u l-"wires" minn fuq l-imsemmija faċċata;

(iii) Fin-nuqqas ta' adempiment da parti tal-Kunsill Lokali, tawtorizza lis-soċjetajiet atturi sabiex jesegwixxu x-xogħlijiet neċessarji sabiex jieħdu l-pussess effettiv tal-proprjetà tagħhom a spejjeż tal-Kunsill Lokali tal-Msida b'dan li f'din l-eventwalità għandhom jirritornaw il-lampa u l-*wires* lill-istess Kunsill.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi (u tal-protest ġudizzjarju tal-11 ta' Novembru 2010) għandhom jitħallsu mill-Kunsill Lokali tal-Msida.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
mb